# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 1 ta' Dicembru, 2021.**

**Numru 12**

**Rikors numru 232/15/1 LM**

**Victor Fenech u Frances Sacco**

**v.**

**Michael Fenech**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors promoturipprezentat fit-12 ta' Marzu, 2015 mill-atturi Victor Fenech u Frances Sacco li permezz tieghu nghad hekk:

> "Illi fl-4 ta' Ġunju, 2014 miet zijuhom Salvatore Fenech, armel u bla proli, b'testment datat 14 ta' Lulju, 2010 in atti Nutar Dottor Joseph Henry Saydon;
>
> Illi 'inter alia' fil-preċitat testment id-decujus ipprovda li fil-każ ta' premorjenza ta' martu, kif hekk inhu l-każ, l-assi ereditarji tiegħu jinqasmu, skont il-kwoti fl-istess testment prefissi, bejn ħutu Dolores

mart Giuseppe Galea, Emanuele u Carmelo aħwa Fenech, u wlied ħutu premorti Antonia, Victoria u "Michele";

Illi jirriżulta li f'dan it-testment hemm żball fis-sens li d-decujus ma kellu ebda ħuh bl-isem "Michele", iżda kellu ħuh ieħor premort bl-isem ta' "Giuseppe";

Illi dan tal-aħħar kellu tliet ulied fil-persuni tal-attwali kontendenti;

Illi l-intimat qiegħed b'dana kollu jippretendi li għax jismu Michael, is-sest (1/6) indiviż tal-ġid tad-defunt imħolli lill-ineżistenti "Michele" jappartjeni interament lilu, b'esklużjoni tar-rikorrenti ħutu, u dan nonostante li hu apparentement evidenti mil-lokuzzjoni tad-dispożizzjoni testamentarja illi dak is-sehem indiviż kien qed jitħalla lill-"ulied ħuh "Michele" fi kwoti ugwali bejniehom, bis-sostituzzjoni volgari tar-rispettivi uliedhom u in mankanza ta' ulied bi dritt tal-akkrexximent bejnithom";

Illi r-rikorrenti ikkontestaw din il-pretensjoni tal-intimat inkwantu ma tikkorrispondix għall-volontà testamentarja tad-decujus, u sew huma kif ukoll l-intimat għandhom jitqiesu flimkien bħala l-benefiċjarji fil-kwota ereditarja tas-sest (1/6) indiviż, żbaljatament imħolli mill-istess decujus lill-ulied ħuh "Michele";

Jgħid għalhekk l-istess intimat 'il għaliex m'għandhiex dina l-Qorti, għar-raġunijiet premessi:

(1) Tiddikjara u tiddeċiedi illi r-riferenza għall-"Michele" fit-testment fuq imsemmi da parti tad-decujus Salvatore Fenech hi erronja;

(2) Konsegwentement tiddikjara u tiddeċiedi illi s-sest (1/6) indiviż għal liema jirreferi 'in coda' l-ewwel artikolu tat-testment tal-14 ta' Lulju, 2010, kien intiż bħala imħolli mid-decujus Salvatore Fenech lill-ulied ħuh "Giuseppe", ossija l-kontendenti, u mhux lill-intimat waħdu, kif hekk minnu dan pretiż.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittri legali tat-8 ta' Jannar, 2015 u 19 ta' Jannar, 2015, kontra l-intimat inġunt minn issa għas-subizzjoni".

2. Rat ir-risposta guramentata pprezentata mill-konvenut Michael Fenech fit-13 ta' April, 2015, li permezz taghha eccepixxa li t-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt minhabba s-segwenti ragunijiet:

"1. Illi preliminarjament il-ġudizzju mhuwiex integru u dan stante illi l-kawża ma nfetħitx kontra l-werrieta kollha tal-kompjant Salvatore Fenech.

2. Illi fil-mertu t-testment ta' Salvatore Fenech tal-14 ta' Lulju, 2010 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Henry Saydon huwa korrett u juri r-rieda tal-kompjant ziju tal-partijiet.

3. Illi Salvatore Fenech u dan minħabba l-imġiba tal-atturi fil-konfront tiegħu tul ħajtu ried illi huwa jħalli lill-esponenti bħala werriet tiegħu biss għas-sest indiviż inkwistjoni u ma riedx illi l-parti mill-wirt tiegħu jiddevolvi fuq ir-rikorrenti u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

4. Illi ż-żewġ rikorrenti, it-tfal tagħhom u l-mara u r-raġel tagħhom qatt ma ġabu rispett lejn il-kompjant Salvatore Fenech, ma kinux ikellmuh, kienu miġġieldin miegħu u għalhekk huwa ġustament ried illi huma ma jkunux werrieta tiegħu.

5. Illi joħroġ biċ-ċar mit-testment stess illi kull persuna li d-decujus ried bħala eredi tiegħu hija imsemmija b'isimha espressament fit-testment u għalhekk id-decujus ried lill-esponenti biss jiret is-sest indiviż inkwistjoni u mhux jiret tali sehem flimkien ma' ħutu.

6. Illi l-kompjant Salvatore Fenech kien kapaċi sabiex jagħmel atti ċivili, kien pjenament konxju ta' dak li qed jagħmel waqt li sar it-testment inkwisjtoni u għalhekk jidher biċ-ċar illi r-rieda tiegħu hija riflessa fit-testment tal-14 ta' Lulju, 2010 u m'hemm l-ebda żball.

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri".

3. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-22 ta' Settembru, 2016, li permezz taghha l-kawza giet deciza fis-sens illi:

"Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talbiet tal-atturi billi:

(1) Tiddikjara u tiddeċiedi illi r-riferenza għal "ulied ħuh Michele" fit-testment fuq imsemmi da parti tad-decujus Salvatore Fenech hi erronea;

(2) Konsegwentement tiddikjara u tiddeċiedi illi s-sest (1/6) indiviż għal liema jagħmel riferiment lejn tmiemu l-ewwel artikolu tat-testment tal-14 ta' Lulju, 2010, kien intiż bħala imħolli mid-decujus Salvatore Fenech lil ulied ħuh mejjet Giuseppe, ossija l-kontendenti, u mhux lill-konvenut waħdu, kif hekk minnu ġie dan pretiż.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittri legali tat-8 ta' Jannar, 2015 u 19 ta' Jannar, 2015, kontra l-konvenut".

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi din hija kawża dwar l-interpretazzjoni ta' testament. L-interpretazzjoni tat-testmenti hija funzjoni impenjattiva u żgur ħafna iktar kumplessa milli hija fi kwalunkwe negozju ġuridiku ieħor.

Illi kemm id-dottrina kif ukoll il-ġurisprudenza jaqblu li f'dan l-eżerċizzju trid tinstab ir-rieda tat-testatur li titqies li hija suprema. Imma hija ħaġa pjuttost iebsa biex issib it-triq it-tajba waqt dan it-tiftix. Min-naħa l-waħda hemm il-formaliżmu testamentarju li jpoġġi t-tiftix f'qafas dejjaq. Min-naħa l-oħra hemm il-problema ta' x'piż għandu jingħata għan-normi ermenewtiċi kuntrattwali rigward il-kompatibilità tagħhom mal-iskrittura testamentarja kif ukoll rigward in-normi interpretattivi speċjali tat-testmenti.

Illi r-regoli tal-interpretazzjoni tal-kuntratti jistgħu jintużaw fejn huma kompatibbli mal-karatteristiċi tat-testment, fuq kollox l-unilateralità, l-esklussività, il-personalità u l-formalità. Huma applikabbli l-prinċipju tal-globalità tal-interpretazzjoni, il-prinċipju li l-att għandu kemm jista' jkun jiġi salvat u għalhekk jiġi interpretat b'mod li jkollu effett, il-prinċipju li klawżoli ambigwi jiġu interpretati skont l-użu tal-post, u l-prinċipju li dispożizzjoni li jista' jkollha iktar minn tifsira waħda għandha tinftiehem fis-sens iktar konformi man-natura u l-iskop tal-att.

Illi fl-interpretazzjoni tat-testmenti m'hemmx involuta l-parti l-oħra, bħal fil-kuntratti. L-interpretazzjoni tad-dispożizzjoni testamentarja hija għalhekk iddeterminata esklussivament mir-rieda tat-testatur. Appuntu sabiex din ir-rieda tiġi mħarsa, mhux permissibbli li jingħata qies ta' xi rieda espressa barra mit-testment. F'materja ta' interpretazzjoni ta' testmenti, il-prinċipju fundamentali hu li r-rieda tat-testatur tinstilet mill-kuntest tad-dikjarazzjonijiet li jkun hemm fit-testment innifsu. L-użu ta' elementi barranin għat-testment jista' jsir biss meta jservu biex jiċċaraw il-volontà tat-testatur espressa fit-testment.

Illi l-Inglizi jgħidu li "if one looks outside the will, the requirement that a will must be in writing is seriously threatened" jew, fi kliem ieħor "the requirement for a will to be in writing could then be made an empty formality".[1] Għalhekk ir-riferiment għal elementi esterni għat-testment hija ammissibbli biss sakemm ma ġġibx fix-xejn il-formaliżmu. Hemm min jaħsibha li jista' jsir hekk biss f'żewġ każijiet: (i) fejn it-testatur

[1] A.R. Mellows, The Law of Succession, Londra, 1977, paġna 148.

jagħmel riferenza għal ħwejjeġ esterni u (ii) fejn il-liġi stess tippermetti, pereżempju fl-Artikolu 625 tal-Kodiċi Ċivili Taljan viġenti li jaqra hekk:[2]

> "*Se la persona dell'erede o del legatario è stata erroneamente indicata, la disposizione ha effetto, quando dal contesto del testamento o altrimenti risulta in modo non equivoco quale persona il testatore voleva nominare…*".

Illi l-Artikolu 694 tal-Kodiċi Ċivili tagħna jixbah lill-Artikolu 625 tal-Kodiċi Ċivili Taljan:

> "(1) Jekk il-persuna tal-werriet jew il-legatarju hija indikata ħażin, id-dispożizzjoni għandha effett, kemm-il darba wieħed ikun xort'oħra[3] żgur liema persuna t-testatur ried jaħtar…".

Illi l-kliem "xort'oħra" jindika li fil-każ ta' nuqqas ta' ċertezza dwar l-identità tal-werriet jew legatarju, tista' ssir riferenza għal provi extra-testwali u ċjoè barra mit-testment innifsu. B'danakollu, fil-fehma ta' din il-Qorti, ir-riferiment għal provi estranei għandha ssir biss wara jiġi eżaminat it-testment kollu kemm hu:

> "*l'utilizzazione di elementi estrinseci al testamento vale come strumento ermeneutico sussidiario soltanto se permangono dubbi e incertezze sulla reale volontà testamentaria, e non anche quando questa risulti dalla scheda testamentaria valutata nel suo complesso*".[4]

Illi kif intqal fis-sentenza Camilla Mallia vs. Carlo Mamo et, Appell Ċivili, 02.05.1921 (Vol. XXIV P I p 729):

> "*quantunque sia regola che 'non mens verbis sed verba menti servire debent', tuttavia anche nel caso di urto tra le parole e lo spirito della disposizione l'interprete non deve allontanarsi dalla lettera però fondarsi su ciò che egli ritenga essere stato l'intenzione del testatore o dei contraenti, ma vi sarà luogo solo a tale interpretazione nel caso che la lettera sia oscura, per se stessa o messa in confronto con tutto il contesto*".

Anke jekk dwar testament fejn ġie ritenut li l-kontenut tiegħu ma kienx fih ambigwità, il-Qorti tal-Appell, kolleġġjalment komposta, fis-sentenza Connie mart Anthony Galea vs. Joseph Gauci (31.05.2002) widdbet lill-ewwel Qorti talli tat każ esaġerat ta' fatti ċirkostanzjali tant li dawn ippredominaw fuq dak li kien imniżżel fit-testment:

> "Fl-ewwel, lok din il-Qorti jidhrilha li għalkemm dak li ġie ritenut mill-Ewwel Qorti dwar is-supremazija tal-volontà tat-testatur, l-ezerċizzju li effettivament irid jiġi kondott mill-Qorti bħala parti minn din it-tfittxija tal-volontà vera tat-testatur m'għandu qatt isir b'mod li l-fatti ċirkostanzjali jew konkomitanti rigwardanti t-testatur jitħallew jippredominaw kważi għalkollox fuq dak li jkun jinsab imniżżel fittestment. Dan qiegħed

[2] Giovanni Criscuoli, Il Testamento – Norme e Casi, Cedam, 1995 paġna 334.
[3] Sottolinejar tal-Qorti.
[4] **S.p.A. Louisiana, S.p.A. Claris vs. Irace**, 07.02.1987 Qorti tal-Kassazzjoni Taljana.

jingħad għar-raġuni li l-Ewwel Qorti, imqar jekk ilkostatazzjonijiet li hija għamlet fuq il-provi prodotti quddiemha kienu f'lokhom u ġusti, xorta waħda ma tistax tiddipartixxi, billi tagħti ftit li xejn konsiderazzjoni, lill-kliem tat-testment li wassal għal din il-vertenza. Fi kliem ieħor, fuq l-Ewwel Qorti, apparti l-eżami tal-provi li hija tant abilment ikkonduċiet, kien jinkombi wkoll l-oneru li teżamina sew il-kliem testwali tat-testment u mhux tissodisfa ruħha biss b'fatti jew depożizzjonijiet tax-xhieda. Fl-aħħar mill-aħħar, il-każ in eżami kien jippreżenta kweżit li ried jiġi affrontat u definittivament riżolt, ċioè jekk il-kliem jew is-sens ta' dak li tnižżel fil-klawsola numru tlieta fuq riportata kinetx ċara u inekwivoka talment, kif għadhom isostnu l-atturi appellanti, li allura ma kienet tħalli ebda lok għall-interpretazzjonijiet oħra "konfezzjonata" minn xhidiet mogħtija minn terzi."

L-istess Qorti qalet ukoll li:

"f'każi delikati bħal dan in eżami s-sens ta' dispożizzjoni waħda m'għandux ikun iżolat mill-bqija tad-dispożizzjonijiet l-oħrajn. Kif jingħad fis-sentenza Axiak utrinque (ibid) surreferita, "L-intenzjoni tat-testatur għandha tinġibed mid-dispożizzjonijiet tal-istess testment ...".

Illi fl-imsemmija sentenza Giuseppe Axiak vs. Antonio Axiak, (26.02.1945 Kollez. XXXII.i.178), il-Qorti tal-Appell iċċitat ġurisprudenza anterjuri li enfasizzat li l-volontà tal-testatur għandha tittieħed kemm jista' jkun mit-test tat-testment innifsu anke jekk dan ikun ambigwu:

"f'materja ta' interpretazzjoni testamentarja, meta d-dispożizzjoni hija ċara, għandha tirċievi l-eżekuzzjoni tagħha bħala liġi li t-testatur ried jimponi, u mhux permess li ssir interpretazzjoni tal-volontà tat-testatur ħlief meta l-kliem minnu użat ikunu ċertament kuntrarju għall-volontà tiegħu.

L-interpretazzjoni tat-testatur għandha tinġibed mid-dispożizzjonijiet tal-istess testment konfrontati anke mad-dispożizzjonijiet ta' testment oħrajn tiegħu, preċedenti jew sussegwenti, u mhux minn materja estranja għat-testment.".

F'sentenza oħra mogħtija minn din il-Qorti fit-22 ta' Ġunju 1931, fil-kawża Concetta Gabaretta vs. Teresa Spiteri (Kollez. Vol. XXVIII.i.117) jinsab riportat dak li ġej:- '

*"Che l'articolo 381 dell'Ordinanza VII del 1868 (illum l-Artikolu 683 tal-Kap. 16) dispone che qualunque disposizione testamentaria che fosse fatta sotto la denominazione di istituzione di erede, sia che fosse fatta sotto la denominazione di legato o sotto qualsiasi altra denominazione, produce il suo effetto, purchè sia enunciata in modo che la intenzione del testatore possa essere conosciuta e non sia contraria alla legge. Con il detto disposto di legge il legislatore volle più chiaramente sanzionare il principio doversi l'intenzione del decujus ricavarsi dalle disposizioni testamentarie e non da materia estranea al testamento, per evitare il pericolo che potesse creare una disposizione non dettata dal testatore e che per ciò stesso fosse da lui non voluta. Il legislatore con la detta norma legislative volle ripudiare la teoria, pur troppo accettata*

> *da alcuni scrittori ed applicata anche in diversi giudicati, secondo cui, nel caso di dubbia ed oscura interpretazione, si possa attingere la interpretazione dal detto di testimoni o da altre congetture indipendentemente dalle parole usate nel testamento'; u iżjed 'il quddiem l-istess sentenza tkompli tgħid 'da ciò conseguita che la intenzione del disponente deve ricavarsi dalle viscere della stessa disposizione, messa certamente in confronto di tutte altre disposizioni del testamento o di altri testamenti, precedenti o susseguenti*.'"

Illi x'aktarx il-pronunzjament ta' din l-aħħar sentenza jista' jinstema' daqsxejn kategoriku żżejjed. B'danakollu tibqa' valida l-asserzjoni taċ-ċentralità tat-test testamentarju, li m'għandu qatt jingħata l-ġenb u jitqies sekondarju għal provi estranji bħalma hija x-xhieda.

Illi s-sentenza Grima untrinque, (24.02.1899, Prim'Awla, Kollez. XVII.ii.30) hija illustrattiva ta' kif il-Qorti tislet l-intenzjoni tat-testatur mill-kitba testamentali nnifisha. Concetta Carabott innominat fost l-oħrajn lin-neputijiet tagħha wlied il-mejjet Vincenzo Grima fil-porzjon ta' 1/8 kull wieħed. Kemm meta għamlet it-testment kif ukoll meta mietet, Carabott kellha neputi wieħed biss, lill-attur, billi oħtu (omm il-konvenuta) kienet diġà mietet. Għalhekk l-attur f'dik ilkawża talab li jiġi ddikjarat werriet tal-1/8. It-testatriċi kienet taf li omm ilkonvenuta kienet mietet u kienet taf bl-eżistenza tal-konvenuta. Il-Qorti rraġunat li l-fatt li użat il-kelma "nipoti" ċjoè użat il-plural u mhux is-singular, turi li riedet tiggratifika anke lill-pro-neputija, anke jekk din ma tistax proprjament tissejjaħ bint il-mejjet Vincenzo Grima. Din l-intenzjoni tidher ukoll mid-dispożizzjoni l-oħra tas-sostituzzjoni volgari mhux biss bejn in-neputijiet imma wkoll tad-dixxendenti tagħhom. Il-Qorti ċaħdet it-talba tal-attur. Interessanti wkoll li l-Qorti qalet li fid-dubju dwar il-volontà tat-testatriċi, kellhom japplikaw ir-regoli tal-liġi tas-suċċessjoni *ab intestato*:

> "*Atteso che nel dubbio è da ritenere che la disponente siasi uniformata alle disposizioni della legge riguardo la successione, ed è certo che, secondo l'ordine successorio legale, la convenuta sarebbe chiamata all'eredità di Concetta Carabott*.".

Illi fil-każ mertu ta' din il-kawża, it-testatur Saviour Fenech, b'testment tal-14 ta' Lulju, 2010[5] nnomina lil martu bħala werrieta unika tiegħu, iżda jekk tmut qablu (kif fil-fatt ġara) innomina werrieta "inkwantu sest 1/6 indiviż lil kull wieħed minn ħutu Dolores mart Giuseppe Galea; Emanuele, Carmelo aħwa Fenech, bis-sostituzzjoni volgari tar-rispettivi uliedhom u in mankanza ta' wlied bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom; inkwantu sest (1/6) indiviż lil ulied oħtu Antonia mart Consiglio li kunjomu ma jiftakrux, li jisimhom Giuseppe u Carmelo sive Charles, fi kwoti ugwali bejniethom, bis-sostituzzjoni volgari tar-rispettivi wliedhom u in mankanza tal-ulied bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom; inkwantu sest (1/6) indiviż ieħor lil ulied oħtu Vitorina mart Carmelo Bartolo, li jisimhom Giuseppe u Lorenzo, aħwa Bartolo bis-sostituzzjoni volgari tar-rispettivi wliedhom u in mankanza tal-ulied bid-dritt tal-akkrexximent

[5] A fol. 3 tal-proċess.

bejniethom; inkwantu sest (1/6) indiviż lil ulied ħuh Michele Fenech, fi kwoti ugwali bejniethom, bis-sostituzzjoni volgari tar-rispettivi wliedhom u in mankanza tal-ulied bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom".

Illi skont in-normi ta' interpretazzjoni tal-kuntratti suċċitati, l-ewwel indaġini li għandha tagħmel il-Qorti hi li tara x'kienet l-intenzjoni tat-testatur minn qari tat-testment kollu kemm hu. It-testatur, li miet mingħajr ulied, qasam il-ġid tiegħu f'sitt porzjonijiet ugwali, u assenja porzjon lil kull wieħed minn tliet ħutu ħajjin, bis-sostituzzjoni volgari bejniethom u jekk ma jkunx hemm ulied bid-dritt ta' akkrexximent bejniethom; imbagħad assenja porzjon ieħor lil ulied oħtu Antonia (mart Consiglio li kunjomu ma jiftakrux); porzjon ieħor lil ulied oħtu Vitorina; u fl-aħħar nett porzjon ieħor lil "ulied ħuh Michele". Inneputijiet istitwihom werrieta bis-sostituzzjoni volgari u d-dritt ta' akkrexximent. Semma b'isimhom in-neputijiet tiegħu wlied oħtu Antonia u oħtu Vitorina iżda wlied "ħuh Michele" ma semmihomx b'isimhom. Ma jsemmix jekk Antonia, Vitorina u "Michele" humiex ħajjin jew mejtin, għalkemm jirriżulta li Antonia u Vitorina kienu mejtin, filwaqt li t-testatur ma kellu l-ebda ħuh jismu "Michele".[6] L-uniku ħuh mejjet apparti Antonia u Vitorina kien Giuseppe. Verosimilment, minn dak li jirriżulta mill-kitba tat-testment, it-testatur kien qiegħed jirreferi għal ulied Giuseppe, li kien l-uniku ħuh ieħor mejjet meta kiteb it-testment. Dan billi kiteb "ulied ħuh Michele". "Michele" huwa kkwalifikat bħala ħuh, l-istess kif irrefera għal "oħtu Antonia" u "oħtu Vitorina".

Illi l-konvenut isostni li l-unika persuna fil-familja li jisimha "Michele" huwa hu u għaldaqstant it-testatur kien qed jirreferi għalih. Dan iżda ma jistax jaqbel mal-qari globali tat-testment. Jidher ċar li t-testatur kien qiegħed iħalli ġidu f'ishma indaqs bejn ħutu ħajjin u n-neputijiet kollha ta' ħutu l-mejtin per stirpes. It-test tat-testment isegwi din l-istruttura: jibda bl-aħwa ħajjin u jkompli b'ulied l-aħwa mejtin waħda wara l-oħra. Ma hemm l-ebda preferenza ma' ħadd. It-testatur, kieku ried jippreferi lill-konvenut, presumibbilment kien jiffavurieh iktar mill-kwota ta' waħda minn sitta. Anke kieku t-testatur tabilħaqq kien qed jirreferi għall-konvenut, mhux "Michele" tħalla werriet imma wliedu. Huwa wkoll inverosimili li t-testatur jirreferi għall-konvenut bħala "Michele" meta fil-fatt jismu Michael, iktar u iktar jekk inhu l-każ kif isostni l-konvenut li l-konvenut kien idur bih u kien qrib tiegħu iktar mill-werrieta l-oħrajn.

Illi l-konvenut isostni li z-ziju kien raġel intelliġenti ħafna u minkejja l-età tiegħu, moħħu kien sharp ħafna.[7] Il-konvenut isostni li la t-testatur ma semmiex lil ħutu b'isimhom, sinjal li riedu jiret waħdu. Argument ekeġġjat fedelment fl-affidavit ta' Lawrence Bartolo.[8] B'danakollu, it-testatur ma kienx daqstant iffukat għax apparti li ma semmiex lill-atturi b'isimhom, nesa wkoll kunjom waħda minn ħutu. Il-konvenut jgħid ukoll illi jekk hemm żball fit-testment, "l-iżball huwa għaliex in-Nutar baqa' jniżżel l-istess format li kien qiegħed iniżżel aktar 'il fuq fit-testment,

[6] Affidavit tal-attur Victor Fenech a fol. 22.
[7] Affidavit tal-konvenut a fol. 53.
[8] Fol 65.

ossija baqa' jikteb 'ulied ħuh'. Ma kien hemm l-ebda żball fis-sens li semma Michele flok Giuseppe għaliex iz-ziju lili ried li nirtu."[9] B'danakollu, fir-Risposta Maħlufa tal-konvenut m'hemm l-ebda eċċezzjoni f'dan is-sens. In-Nutar Joseph Henry Saydon, li rrediġa t-testment, xehed li huwa niżżel fedelment dak li qallu biex jikteb it-testatur. Minn imkien ma jirriżulta li dan ammetta li kkommetta xi żball, u lanqas ġie mistoqsi jekk għamilx l-iżball li l-konvenut qed jallega li għamel.

Illi biex isaħħaħ l-interpretazzjoni tiegħu, il-konvenut jirrikorri wkoll għal ċirkostanzi extra-testwali. Fl-ewwel lok isostni li huwa kien qrib ħafna ta' zijuh minn meta kien żgħir u li dan kien jagħtih daqqa t'id fix-xogħol tiegħu ta' mastrudaxxa. Meta zijuh kiber, huwa kien jagħmillu x-xirja u xogħol ta' manteniment fid-dar. Din il-Qorti tinnota li minkejja din l-allegata intimità, fl-aħħar xhur ta' ħajjet it-testatur, kien Lawrence Bartolo, wieħed mill-kuġini tal-kontendenti, li kien il-prokuratur tiegħu u li ħa ħsieb anke l-ftuħ tat-testment.[10]

Illi l-konvenut jallega wkoll li xi sitt xhur wara li mietet omm il-kontendenti, l-attur u ħuh il-konvenut, li jaħdmu flimkien fl-istess garaxx, kellhom xi jgħidu u meta sema' b'dan iz-ziju qallu li lil ħutu qatagħhom barra mit-testment u f'dik l-okkażjoni urieh ukoll it-testment. Skont il-konvenut, oħtu Frances u z-ziju ma kinux jinġiebu tant li din ma marritx għall-funeral tiegħu. Il-konvenut xehed ukoll illi ħutu lanqas biss kienu jsellmu liz-ziju. Ħuh ma kienx ikellmu lanqas meta z-ziju kien imur fil-garaxx fejn jaħdmu, ftit passi 'l bogħod mid-dar tiegħu. Il-konvenut xehed ukoll illi wlied ħuh, skont zijuh kienu jagħmlulu l-qrun, għalkemm hu stess qatt ma rahom jagħmlulu hekk. Il-konvenut xehed ukoll li zijuh Salvu kien tah is-senter b'tifkira tiegħu.

Illi skont Frances Gatt iz-ziju Salv dejjem kien ikun fil-kumpannija tal-konvenut li kien jagħmillu diversi qadjiet u qatt ma rat lill-attur Victor jaqdieh f'xi ħaġa.[11] Skont Lawrence Bartolo, zijuh qallu li l-atturi ma kinux iżuruh meta kien l-isptar.[12] Frances Gatt, ikkontroeżaminata mill-atturi, xehdet li ma tafx x'kienet ir-relazzjoni bejn iz-ziju u l-atturi u li qatt ma kien qalilha xejn kontrihom. Qatt ma rathom fid-dar tiegħu. Lil Michael biss kienet tara.[13] Ikkontroeżaminat, Carmelo Vella xehed li ma jafx x'relazzjoni kien hemm bejn l-atturi u t-testatur.[14]

Illi l-atturi jiċħdu bil-qawwa l-allegazzjonijiet tal-konvenut. Victor Fenech xehed li fl-aħħar ta' ħajtu t-testatur kien jinsa ċ-ċwievet u jissakkar barra minn daru u kien Victor li jiftaħlu. L-attur Victor Fenech xehed ukoll li darba z-ziju Salvu waqa' fit-triq, ħadu raġel fil-garaxx tiegħu u huwa kien ħadu lura fid-dar tal-anzjani. Kien jibdillu ċ-ċilindru tal-gass.

[9] Fol 53.
[10] Affidavit ta' Lawrence Bartolo, prodott mill-konvenut a fol 56.
[11] Affidavit ta' Frances Gatt a fol 58.
[12] Fol 84.
[13] Fol 87.
[14] Fol 78.

Wasslu kemm-il darba l-isptar u żaru spiss fid-dar tal-anzjani fiż-Żejtun. It-testatur kien mistieden għat-tieġ ta' bintu u taha rigal. Anke meta bintu kellha tarbija, iz-ziju kien taha rigal ukoll.[15]

Illi l-allegazzjonijiet tal-konvenut ġew miċħuda wkoll mill-attriċi Frances Sacco. Lit-testatur, tgħid li hi wkoll kienet tbiddillu l-gass, u kienet tmur il-quddies kull nhar ta' Sibt filgħaxija flimkien miegħu u m'ommha. Kien jagħti rigali lil uliedha fil-preċett u l-griżma. Meta ma jkunx jiflaħ kienu jżuruh u spiss jeħdulu xi ħaġa tal-ikel.[16] L-attriċi Frances Sacco in kontroeżami xehdet li ma marritx għall-funeral għax ħadd ma kien infurmaha li zijuha kien miet. Ħutha s-subien ittnejn kienu jagħtu daqqa t'id lil zijuhom. Meta zijuha kien jiltaqa' magħha filpjazza tar-raħal jew quddiem id-dar tagħha kien jgħidilha li sejjer id-dar u mhux il-garaxx ħdejn il-konvenut.[17] Ħutha kienu jaħdmu fl-istess garaxx. Qatt ma rat lill-konvenut joħroġ il-karozza taz-ziju.

Illi apparti d-depożizzjoni tal-konvenut innifsu, l-ebda xhud ieħor prodott minnu stess ma jindika li l-atturi kellhom relazzjoni ħażina mat-testatur. L-atturi anzi jsostnu li kien hemm relazzjoni tajba. L-attur Victor Fenech jgħid li billi huwa mastrudaxxa, ħadimlu l-bieb ta' barra u apparti l-ispejjeż zijuh kien tah rigal ta' €100. Din l-asserzjoni hija kkonfermata in kontroeżami minn Frances Gatt, li kienet xhud prodotta mill-konvenut[18] u għalhekk din tikkontradixxi serjament l-allegazzjonijiet tal-konvenut. Li kieku tabilħaqq iż-ziju kellu relazzjoni ħażina mal-atturi ma kienx iqabbad lill-attur jaħdimlu bieb ta' barra. Imbagħad huwa ferm inverosimili li t-testatur qabbad lill-attur pjuttost milli lill-konvenut jekk it-tnejn huma mastrudaxxi u jaħdmu mill-istess garaxx, ġaladarba skont kif xehed il-konvenut, dan kien hekk qrib tiegħu u l-attur lanqas biss kien isellimlu.

Illi waqt ix-xhieda tiegħu l-konvenut Michael Fenech[19] isemmi kemm zijuh Salvu kien persuna kwieta u li kien ifittex li jevita l-paroli u l-inkwiet fil-familja u kien għalhekk li qabbad lil neputih Victor Fenech biex jaħdimlu l-bieb ta' barra u li kien ta rigal lit-tifla tiegħu fl-okkażjoni taż-żwieġ tagħha u tal-magħmudija tat-tarbija tagħha.

Illi din il-Qorti tqis bħala diffiċli li jitwemmen dak illi stqarr l-konvenut fix-xhieda tiegħu illi zijuh Salvu ried iħalli barra lill-atturi mit-testment tiegħu, 'il għaliex jekk tassew tul ħajtu dan iz-ziju tal-kontendenti dejjem fittex li jevita l-inkwiet fil-familja, huwa inverosimili ħafna li dan kien se jħalli l-inkwiet fil-familja wara mewtu.

Illi qabel ma n-Nutar fetaħ it-testment, il-konvenut kien qal lil kuġinietu Frances Gatt, Charlie Vella u Lawrence Bartolo b'dak li għamel zijuh fit-testment. Charlie Vella, prodott mill-istess konvenut, xehed li l-konvenut

---

[15] Affidavit tal-attur Victor Fenech a fol. 23, para. 7.
[16] Affidavit tal-attriċi Frances Sacco, a fol. 26.
[17] Kontroeżami tal-attriċi, a fol. 67.
[18] Fol. 88.
[19] Fol. 95.

qallu li zijuh ħalla xi nies barra, iżda ma qallux lil min.[20] Lawrence Bartolo, ukoll prodott mill-konvenut, u li kien il-prokuratur taz-ziju fl-aħħar xhur ta' ħajtu, xehed li l-konvenut kien semmielu l-kontenut tat-testment qabel qallu hu, għax it-testatur kien urieh it-testment ftit ġranet wara li kitbu.[21] It-testatur qatt ma qal lil Lawrence Bartolo x'kien fih it-testment.[22]

Illi din il-Qorti tinnota li t-testment inkiteb fil-14 ta' Lulju, 2010 u skont il-konvenut, zijuh urieh it-testment xi sitt xhur wara li mietet omm il-kontendenti, Antonia, fit-2012. Frances Gatt, bint Dolores, oħt it-testatur, ukoll xehdet li qabel infetaħ it-testment il-konvenut kien qalilha li ħutu kienu nqatgħu barra mit-testment, flimkien ma' ħu t-testatur Nazzareno.

Illi jirriżulta li t-testatur kellu kopja tat-testment fil-pussess tiegħu. Din urieha lill-konvenut, allegatament biex jurih li eskluda lil ħutu. Li jfisser li t-testment kellu okkażjoni jaqrah u jiflieh. Billi kif isostni l-konvenut huwa kien bniedem intelliġenti ħafna u ma jaħrablu xejn, huwa diffiċli għall-Qorti li temmen li ma indunax bl-iżball li kien hemm fit-testment bl-indikazzjoni ta' "ulied ħuh Michele".

Illi qari testwali tat-testment juri li t-testatur ried li jħalli ġidu lil ħutu (barra wieħed li kien mitlewwem miegħu) u lin-neputijiet ulied ħutu l-mejta ndaqs u bla ebda preferenza, inklużi lill-atturi. Min-naħa l-oħra, il-provi ċirkostanzjali li pproduċa l-konvenut dwar ir-relazzjonijiet bejn l-atturi u t-testatur huma konfliġġenti u ma jurux fiż-żgur li t-testatur ried jeskludi lill-atturi mill-wirt tiegħu.

Illi fi kwalunkwe każ jekk jibqa' xi dubju dwar l-intenzjoni tat-testatur, tibqa' dejjem il-preżunzjoni li t-testatur ried jimxi mar-regoli tal-liġi tas-suċċessjoni ab intestato, kif mgħallem fis-sentenza Grima utrinque suċċitata."

5. Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut Michael Fenech, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-22 ta' Settembru, 2016, fl-ismijiet premessi u minflok taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tichad it-talbiet attrici u tilqa' l-eccezzjonijiet tal-appellant. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

[20] Fol. 55.
[21] Fol. 56.
[22] Fol. 83.

6. Rat ir-risposta tal-appell tal-atturi Victor Fenech u Frances Sacco li permezz taghha wiegbu li t-talba tal-appellant ghar-revoka tas-sentenza appellata m'ghandhiex tigi ezawdita.

7. Rat li l-partijiet ittrattaw l-appell in ezami;

8. Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

9. Illi dan il-kaz jitratta kontestazzjoni da parti tal-atturi li t-testment taz-ziju taghhom fih zball, meta ssir referenza ghal "ulied huh Michele", peress li t-testatur Salvatore Fenech ma kellu l-ebda huh jismu Michele, kwindi s-sest indiviz imholli mid-*decujus* kien intiz ghal ulied huh Giuseppe, jigifieri bejn il-kontendenti fil-kawza u mhux lill-konvenut wahdu, kif pretiz minnu.

10. Il-konvenut da parti tieghu, jippretendi li t-testment ta' Salvatore Fenech tal-14 ta' Lulju, 2010, huwa korrett u juri r-rieda taz-ziju tal-partijiet, fis-sens li t-testatur ried ihalli lilu bhala werriet tieghu ghal sest indiviz, peress li t-testatur ma riedx li parti mill-wirt jiddevolvi fuq l-atturi peress li ma riedx li dawn ikunu l-werrieta tieghu. Mit-testment johrog car li kull persuna li d-*decujus* ried bhala eredi tieghu ried li jissemma

espressament l-isem tieghu, kwindi t-testatur ried li l-konvenut jiret is-sest indiviz involut u mhux li jiret tali sehem flimkien ma' hutu.

11. L-ewwel Qorti filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut, laqghet it-talbiet tal-atturi u wara li ddikjarat li r-referenza ghal "ulied huh Michele" fit-testment ta' Salvatore Fenech hija zbaljata, iddecidiet ukoll li s-sest indiviz li ghalih issir referenza lejn tmiem l-ewwel artikolu tat-testment tal-14 ta' Lulju, 2010, kien intiz bhala mholli mid-*decujus* Salvatore Fenech lil ulied huh mejjet Giuseppe, jigifieri bejn il-kontendenti kollha u mhux lill-konvenut wahdu, hekk kif minnu pretiz. Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

12. Il-konvenut hassu aggravat bl-imsemmija sentenza u ghalhekk interpona appell minnha. L-aggravju tieghu jissejjes principalment fuq il-fatt li jinghad minnu li minkejja li meta jkun hemm dubju dwar dispozizzjoni f'testment, tali dispozizzjoni tigi nterpretata fl-ambitu tat-testment kollu u b'mod restrittiv, l-ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra fatturi determinanti fl-Artikolu 1 tat-testment tal-14 ta' Lulju, 2010, fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon. L-appellant itenni li r-rieda tat-testatur kienet fis-sens illi s-sest indiviz in kontestazzjoni kellu jintiret minnu biss. Jinsisti li minn qari tat-testment jirrizulta b'mod car li kull persuna li t-testatur ried li jirtu jissemma espressament b'ismu fit-testment u meta hut it-testatur kienu mejtin u ghalhekk wirtu sehem in-neputijiet, dawn in-neputijiet issemmew espressament b'isimhom u gew identifikati, mentri isem l-atturi ma

jirrizulta minn imkien mit-testment, peress li t-testatur ma riedhomx jirtuh, ghaliex kieku kien isemmihom. Hekk kif it-testatur ma semmiex lil huh Nazzareno Fenech peress li ma riedx li dan jirtu. Inoltre, l-atturi appellati kienu jghixu fl-istess vicinanzi tat-testatur, u ghalhekk lanqas jista' jinghad li t-testatur nesihom u li allura ma jaghmilx sens li filwaqt li t-testatur ftakar l-isem ta' dawk in-neputijiet li joqoghdu 'l boghod, nesa lill-atturi. Kwindi jilmenta li l-ewwel Qorti ghazlet li taghti l-aktar interpretazzjoni vaga li setghet tinghata lit-testment in ezami u dan billi biddlet l-isem tal-werriet li kien diga` identifikat.

13. Il-konvenut appellant hassu aggravat ukoll bil-fatt li l-ewwel Qorti skartat ukoll ix-xhieda tan-Nutar Joseph Henry Saydon, ufficjal pubbliku li jista' jitqies bhala xhud indipendenti, li spjega li huwa nizzel l-isem Michele ghaliex dak kien l-isem li t-testatur semmielu u li l-konvenut kien l-uniku wiehed fil-familja li kellu dak l-isem, u li fil-fehma tieghu skont ir-regoli tal-interpretazzjoni, din kienet l-iktar haga li tirrifletti l-intenzjoni tat-testatur, ghalhekk deherlu li Michele biss kellu jidher fuq il-*causa mortis.* L-appellant ifisser ukoll li ma jaqbilx mal-ewwel Qorti li qieset li l-izball kien tat-testatur meta semma lil Michele flok Giuseppe, mentri jekk xejn l-izball kien tan-Nutar li kompla jikteb it-testment bil-kwalifiki li kienu ssemmew aktar qabel fl-istess testment, tant li l-istess Nutar hass li s-sest indiviz kellu jintiret minnu. L-ewwel Qorti fid-decizjoni taghha qieset li l-isem tal-werriet ghandu jinbidel gialadarba n-Nutar xehed li kiteb dak

li qallu t-testatur, meta effettivament minn qari tax-xhieda tan-Nutar jirrizulta li huwa nizzel lil dawk il-persuni li t-testatur ried li jirtuh. L-appellant isostni li n-Nutar baqa' juza d-dicitura li kienet qieghda tintuza fil-kaz tal-ulied ta' Antonia u Vitorina bi zball, meta s-sest indiviz kellu jiddevolvi fuq iben huh Michele biss, ghaliex it-testatur lilu semma u identifika man-Nutar, tant li n-Nutar identifika r-rieda tat-testatur fis-sens li sest indiviz kellu jghaddi fuqu gialadarba t-testatur semma isem wiehed.

14. L-istess appellant hassu aggravat bil-fatt li sest indiviz ma kienx spettanti lilu peress li hu jismu Michael u mhux Michele, dan meta mit-testment johrog car li l-isem tal-werrieta tnizzlu kollha bit-Taljan u mhux bl-Ingliz jew bil-Malti. Inoltre l-interpretazzjoni tar-rieda tat-testatur ghandha tkun wahda restrittiva, kif jirrizulta mix-xhieda tan-Nutar Saydon u ghalhekk l-appellant ihossu aggravat bil-fatt li minflok l-ewwel Qorti nterpretat it-testment b'mod restrittiv, qieset l-ismijiet identifikati mit-testatur, strahet fuq il-kwalifiki u sahansitra biddlet il-persuna tal-werriet. Fid-dawl tal-bqija tad-dispozizzjonijiet maghmula mit-testatur fit-testment tieghu, jirrizulta li huwa kien nizzel espressament l-ismijiet ta' dawk il-persuni li t-testatur ried li jirtuh u ghalhekk dawk il-persuni li mhumiex imsemmija kellhom jitqiesu bhala eskluzi mill-wirt ta' Salvatore Fenech. L-ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra li jekk hemm zball fit-testment, dan huwa l-mod kif in-Nutar nizzel il-kwalifiki bl-istess mod ghaz-zewg sesti ndivizi precedenti msemmija fl-istess artikolu, fis-sens li kompla jikteb il-

kwalifiki ta' wlied huh, meta t-testatur identifika lilu biss bhala werriet ta' sest indiviz. Kwindi l-izball ma kienx fl-isem izda fil-mod ta' kif gie redatt it-testment.

15. L-appellant jikkritika wkoll lill-ewwel Qorti meta kkonsidrat li t-testatur ma kienx iffukat meta huwa nesa wkoll il-kunjom ta' ohtu mizzewga Antonia, izda t-testatur irrefera ghaliha, ghal zewgha u ghal uliedha. Dan, fil-fehma tieghu, aktar jaghmel verosimili s-sitwazzjoni fejn it-testatur semma l-isem ta' min ried li jirtu fit-testment, peress li kien identifika lil kull min ried li jirtu bl-isem u mhux bil-kwalifiki tieghu. Mill-provi jirrizulta li t-testatur ma kienx xi wiehed li jitfixkel l-ismijiet u dan kif ammess mill-istess attur appellat, Victor Fenech. Ghalhekk jinghad mill-appellant li t-testatur bl-ebda mod ma' tfixkel lil Michele ma' Giuseppe, izda semma lil Michele peress li ried li dan jirtu u mhux hutu wkoll. Wara kollox, l-appellant jishaq li jirrizulta mill-provi li, kien l-istess testatur li gharrfu li ried li sest indiviz jintiret minnu, kif jirrizulta mix-xhieda ta' Lawrence Bartolo li l-appellant kien ben konsapevoli ta' dak li kien fih it-testment qabel ma nqara, li t-testatur ried jeskludi mill-wirt kemm lil hutu (l-appellati) kif ukoll lil zijuh Zaren Fenech. Dan apparti li Carmelo Vella xehed li zijuh Salvatore kien itennilu sabiex ma jinbidel xejn mit-testment tieghu. L-appellant isostni li tant l-appellati ma kinux igibu rispett lejn iz-ziju taghhom li l-attrici lanqas marret il-funeral tieghu peress li qalet lanqas kienet biss taf li z-ziju taghha miet. Ghalhekk l-ewwel Qorti zbaljat

meta ma tatx interpretazzjoni restrittiva izda nterpretat it-testment bl-aktar mod wiesgha, billi biddlet il-werriet intiz li ried it-testatur, meta jirrizulta li kull min it-testatur ried li jirtu tnizzel b'ismu u min ma riedx li jirtu thalla barra, kif effettivament jirrizulta korroborat bix-xhieda tan-Nutar Joseph Henry Saydon.

16. Illi ghandu jinghad mal-ewwel li, sa fejn l-appell in ezami semplicement jattakka l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti, tajjeb li jigi mfakkar li r-regola hija li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Qorti tal-ewwel grad jekk mhux f'cirkostanzi eccezzjonali jew meta jkun intwera li dak l-apprezzament ikun wiehed mhux ragonevoli jew mhux mibni fuq il-fatti kif rizultanti mill-process. (Ara sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Jannar, 2018, fil-kawza fl-ismijiet **Josephine Agius v. Piju Theuma.**) Madankollu, inghad ukoll minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-14 ta' Dicembru, 2018, fil-kawza fl-ismijiet **Dott. Antoinette Cutajar v. L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et**:

> "*Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel Qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel Qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel Qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda*

> *tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti*"

Dawn huma l-parametri li fihom din il-Qorti hija marbuta li tqis il-punti mressqa mill-appellant.

17. Gialadarba l-kaz in ezami jirrigwarda l-interpretazzjoni tat-testment ta' Salvatore Fenech tal-14 ta' Lulju, 2010, u l-intenzjoni tat-testatur trid tigi determinata fil-kuntest tad-dispozizzjonijiet testamentarji in ezami, tajjeb li tigi riprodotta d-dispozizzjoni in ezami:

> *"…inkwantu sest 1/6 indiviż lil kull wieħed minn ħutu Dolores mart Giuseppe Galea; Emanuele, Carmelo aħwa Fenech, bis-sostituzzjoni volgari tar-rispettivi uliedhom u in mankanza ta' wlied bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom; inkwantu sest (1/6) indiviż lil ulied oħtu Antonia mart Consiglio li kunjomu ma jiftakrux, li jisimhom Giuseppe u Carmelo sive Charles, fi kwoti ugwali bejniethom, bis-sostituzzjoni volgari tar-rispettivi wliedhom u in mankanza tal-ulied bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom; inkwantu sest (1/6) indiviż ieħor lil ulied oħtu Vitorina mart Carmelo Bartolo, li jisimhom Giuseppe u Lorenzo, aħwa Bartolo bis-sostituzzjoni volgari tar-rispettivi wliedhom u in mankanza tal-ulied bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom;* ***inkwantu sest (1/6) indiviż lil ulied ħuh Michele Fenech, fi kwoti ugwali bejniethom, bis-sostituzzjoni volgari tar-rispettivi wliedhom u in mankanza tal-ulied bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom".***

Jehtieg jigi determinat jekk is-sest indiviz in kwistjoni kienx intenzjonat mit-testatur li jinqasam bejn il-kontendenti fil-kawza, bhala wlied huh Giuseppe, jew kienx mahsub li jithalla lill-konvenut wahdu bl-eskluzjoni tal-atturi appellati.

18. Tajjeb li jinghad li fir-rigward ta' testmenti, id-duttrina legali relevanti in materja giet imfissra fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Novembru,

2003, fil-kawza fl-ismijiet: **Emanuel Buttigieg nomine v. Anthony Cauchi proprio et nomine,** fejn inghad hekk:

> *"i) meta l-kliem fit-testment huwa car u ma jammettix dubbji ma hemmx lok ghal ebda interpretazzjoni u wiehed jista' biss jezamina jekk dak il-provvediment mit-tifsira normali tieghu imurx kontra l-ligi jew le;*
>
> *ii) meta jirrizulta dubbju dwar is-sens tal-kliem allura hemm lok ghall-interpretazzjoni sabiex wiehed jasal ghall-intenzjoni tat-testatur;*
>
> *iii) fil-kaz ta' tali interpretazzjoni wiehed ghandu dejjem jassumi li l-intenzjoni tat-testatur kienet konformi mal-ligi;*
>
> *iv) bhala norma wiehed ghandu jasal ghall-intenzjoni tat-testatur mill-kliem tat-testment innifsu u ma humiex ammissibli provi ohra".*

Applikati dawn il-kriterji ghall-kaz in ezami, it-testment ta' Salvatore Fenech jaghti lok ghal dubju, peress li t-testatur ma kellux huh li jismu Michele, izda kellu huh premort li jismu Giuseppe, li kellu tliet ulied, li huma l-kontendenti f'din il-kawza (fosthom il-konvenut Michael). Kwindi l-ewwel Qorti kellha bilfors taghti l-interpretazzjoni taghha sabiex tittanta tasal ghall-intenzjoni tat-testatur. Iz-zewg partijiet jaghtu l-interpretazzjoni taghhom tal-intenzjoni tat-testatur, li fiz-zewg kazijiet jista' jinghad li huma konformi mal-ligi. Kemm jista' jkun wiehed irid jasal ghall-intenzjoni tat-testatur mill-kliem tat-testment innifsu minghajr ma jaghti qies ta' provi ohra. Fil-verita` dan ifisser li bosta konsiderazzjonijiet maghmula mill-konvenut appellant, jaqghu lil hinn mill-ezercizzju li hija tenuta li taghmel il-Qorti fid-determinazzjoni tar-rieda tat-testatur. Hekk per ezempju, ma tantx titqies relevanti x-xhieda ta' Lawrence Bartolo u Carmelo Vella jew il-fatt li l-attrici appellata ma marritx il-funeral tad-*decujus*.

19. F'dan il-kuntest hija relevanti l-konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti fis-sens:

> *"Illi l-konvenut isostni li l-unika persuna fil-familja li jisimha "Michele" huwa hu u għaldaqstant it-testatur kien qed jirreferi għalih. Dan iżda ma jistax jaqbel mal-qari globali tat-testment. Jidher ċar li t-testatur kien qiegħed iħalli ġidu f'ishma indaqs bejn ħutu ħajjin u n-neputijiet kollha ta' ħutu l-mejtin per stirpes. It-test tat-testment isegwi din l-istruttura: jibda bl-aħwa ħajjin u jkompli b'ulied l-aħwa mejtin waħda wara l-oħra. Ma hemm l-ebda preferenza ma' ħadd. It-testatur, kieku ried jippreferi lill-konvenut, presumibbilment kien jiffavurieh iktar mill-kwota ta' waħda minn sitta. Anke kieku t-testatur tabilħaqq kien qed jirreferi għall-konvenut, mhux "Michele" tħalla werriet imma wliedu".*

Filwaqt li din il-Qorti taqbel perfettament mal-analizi mwettqa mill-ewwel Qorti, tqis aktar verosimili l-interpretazzjoni li nghatat mill-ewwel Qorti minn dik moghtija mill-appellant, peress li tabilhaqq id-dispozizzjoni hawn qabel citata ghandha struttura meta l-ewwel jissemmew hut it-testatarju li ghadhom hajjin u wara tghaddi sabiex jissemmew ulied l-ahwa mejtin, mill-interpretazzjoni moghtija mill-appellant fejn jistieden lill-Qorti tiskarta dan u minflok tqis biss dawk il-persuni li ssemmew b'isimhom. Wara kollox, fil-kuntest tal-istess testment, l-interpretazzjoni moghtija mill-appellant tfisser li jkunu wlied il-konvenut u mhux il-konvenut innifsu li jkollhom dritt ghas-sest indiviz.

20. Mhuwiex kontestat bejn il-kontendenti fil-kawza li t-testatur kellu huh jismu Nazzareno li thalla barra u mill-provi jirrizulta li t-testatur kellu tilwima mieghu. Ghalkemm l-appellant jippretendi li peress li tnizzel ismu huwa kellu d-dritt ghas-sest indiviz wahdu u minkejja li huwa minnu li l-

atturi appellati ma tnizzlux b'isimhom fit-testment, dan il-fatt wahdu ma jfissirx li t-testatur nesihom galadarba t-testatur jaghmel referenza ghal ulied huh (minkejja li r-referenza hija ghal "ulied huh Michele", meta t-testatur ma kellux huh bl-isem "Michele"). It-tezi tal-appellant li l-atturi appellati ma kinux jingiebu mat-testatur huma pjuttost gratuwiti, tant li mill-provi jirrizulta li t-testatur kien qabbad lill-attur appellat jaghmillu xi xoghol ta' mastrudaxxa (u mhux lill-appellant minkejja li kellu l-istess sengha). L-argumenti tal-appellant f'dan is-sens jitqiesu, fl-ahjar ipotezi, kongetturali. Huwa aktar verosimili li meta t-testatur ghamel referenza ghal "ulied huh" qabel l-isem, kif ukoll "fi kwoti ugwali bejniethom" u bis-sostituzzjoni volgari tar-rispettivi wliedhom jew bl-akkrexximent, skont il-kaz, kien qieghed jirreferi ghall-ahwa kontendenti fil-kawza bhala wlied huh u mhux ulied il-konvenut.

21. In kwantu ghax-xhieda tan-Nutar Saydon, jirrizulta li ghalkemm l-ewwel Qorti hadet konjizzjoni tax-xhieda tan-Nutar li huwa nizzel fedelment dak li qallu t-testatur, u li kien wara li nfetah it-testment li ntebah li t-testatur ma kellux huh jismu Michele, izda kif osservat mill-ewwel Qorti, in-Nutar la ammetta li ghamel xi zball u lanqas gie mistoqsi dwar l-izball li seta' sar, meta l-argument fl-appell tal-appellant qieghed jissejjes fuq il-possibilita` li kien in-Nutar li ghamel zball meta rrediega t-testment. Kien biss fl-istadju tan-nota ta' sottomissjonijiet u issa fl-appell li l-appellant li jikkontendi li l-izball kien fil-mod li n-Nutar kompla jikteb it-testment bil-kwalifiki li huwa kien uza ghall-eredi l-ohrajn, meta huwa

maghruf li mhux imholli li l-partijiet iressqu eccezzjonijiet godda li ma tressqux fin-nota tal-eccezzjonijiet. Fi kwalunwe kaz, ma hemm xejn hazin fil-fatt li l-ewwel Qorti minkejja li qieset ix-xhieda tan-Nutar, li la ssemma Michele, u dan kien l-uniku Michele fil-familja, dan kien ifisser li s-sest indiviz jispetta lill-konvenut appellant, u ghalhekk deher biss il-konvenut fuq il-*causa mortis,* ma qablitx ma' din l-interpretazzjoni moghtija min-Nutar, in kwantu l-interpretazzjoni moghtija mill-ewwel Qorti hija bbazata fuq il-kliem u l-istruttura tal-artikolu tat-testment in ezami.

22. Wara kollox, l-ezercizzju li ghamlet l-ewwel Qorti huwa dak mahsub fl-Artikolu 694 tal-Kodici Civili, fis-sens li ghalkemm seta' kien hemm ekwivoku dwar uhud mill-werrieta, id-dispozizzjoni tibqa' wahda valida galadarba jkun xorta possibbli li tigi determinata r-rieda tat-testatur. Similment fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Dicembru, 2014, fil-kawza fl-ismijiet **Mary Muscat v. Dr. Renzo Porsella Flores et noe,** li madankollu kienet titratta zball fir-referenza tan-numru ta' plot f'testment, inghad:

> *"33. Kif osservat u kkonkludiet l-ewwel Qorti, il-provi kollha jwasslu ghall-konkluzjoni logika li t-testatrici hadet zball genwin, u ghall-kazijiet bhal dawn il-legislatur haseb sabiex tigi salvata d-dispozizzjoni testamentarja billi ta l-fakolta` li jigi rrangat l-izball u b'hekk jinghata effett ghar-rieda tat-testatur kif espressa fit-testment. Dan ghamlu permezz tal-Artikolu 694 tal-Kodici Civili citat mill-ewwel Qorti.*[23] *Ghalhekk l-ewwel Qorti kellha ragun meta applikat dan l-artikolu ghac-cirkostanzi tal-kaz.*
>
> *34. In tema legali, din il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghal-kazistika estensiva citata mill-ewwel Qorti, tosserva li li fil-ligi Taljana hemm*

[23] *Supra.*

*dispozittiv identiku ghall-imsemmi Artikolu 694. Dan huwa l-Artikolu 625 tal-Kodici Civil Taljan.*

*35. Rigward l-intenzjoni tat-testatur u r-ratio ta' dan l-artikolu l-awtur Taljan Albert Trabucchi jikkumenta hekk:*

> *"La volonta` deve esssere espressa. La dichiarazione assorbe la volonta` e vi deve corrispondere. Pero` con saggio criterio di opportunita`, il legislatore nell' art. 625 ha stabbilito che l'errore nell' indicazione dell' erede, del legatario, o della cosa che forma oggetto della disposizione [dichiarazione erronea, o putativa], anziche` essere causa di annullamento della disposizione stessa, come sarebbe regola per negozji tra vivi, venga corretto, e la volonta` abbia effetto purche` rizulti in modo non equivoco a quale persona o a quale cose il testatore intendeva realmente riferirsi [falza demostratio non nocet][24]. Il favor testamenti, che si concreta nel valutare il negozio potius ut valeat ut pereat, e la considerazione fatta sopra, per cui il rimedio della nullita` in molti casi sarebbe per lo meno sterile perche` il testaore non puo riparare con un nuovo atto, spiegano l'opportunita` della norma."*[25]

*36. Dwar il-volonta` testamentarja l-istess attur jikkummenta hekk:*

> *"Dobbiamo tenere ben presente che in ogni caso l'interprete e' chiamato a deterimanare unicamente la volonta` che e' stata espressa nel testamento; non sarebbe lecito costruire una volonta` testamentaria non scritta anche se vari elementi presuntivi ci dessero la convinzione che il testatore aveva una precisa intenzione circa quelle che dovevano essere le sui ultime volonta. Ripetiamo la formula: va ricercata la volonta` testamentaria, cioe` la volonta` espressa nel testamento, e non la volonta` del testatore, cioe` la volonta` che si ritenga corrispondere alle vera intenzione, anche non esprese, del testatore; "non quod voluit testator, sed quod dixit in testamento, inspiciatur" Cioe` non significa, tuttavia, che la volonta` rilevante debba essere desunta soltanto indagando sui termini letterali usati nel testamento…Gli elementi interpretativi possono essere ricercati anche aliunde, ma questo ricorso a elementi di prova estranei al testamento e' ammesso ragionevolmente soltanto per capire il contenuto di una volonta` espressa sia pure poco chiaramente"*[26] *.*

23. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel Qorti setghet ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha u din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fl-ezercizzju interpretattiv imwettaq mill-ewwel Qorti. Minn ezami mill-

[24]Bhala zball li ma jgibx in-nullita' tat-testment jew tad-dispozizzjoni testamentarja dan l-awtur isemmi il-kaz fejn "Titio ha indicato come oggetto del legato il fondo Semproniano, mentre intendeva sporre del fondo Corneliano" – footnote [1] pg.466.
[25]Istituzioni di Diritto Civili [Cedam 2011] para.187 pga.466.
[26]Ibid. pagi.468 – 469.

gdid tal-provi in atti, jirrizulta car li dan kien kaz ta' zball fid-dispozizzjoni testamentarja li bil-ligi tista' u ghandha tigi kkoreguta. Il-korrezzjoni awtorizzata mill-ewwel Qorti ma titqisx bidla fil-persuna tal-werriet, kif jikkontendi l-appellant, izda interpretazzjoni logika ta' dak li t-testatur ried jiddisponi permezz tat-testment tieghu. Fil-kuntest tal-artikolu in ezami, din il-Qorti mhix konvinta li t-testatur semma l-isem Michele, bil-hsieb li jeskludi lil hutu l-appellati, kif jippretendi l-appellant. Il-provi in atti mhumiex ta' sostenn ghat-tezi tal-konvenut appellant.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tichad l-appell tal-konvenut appellant, u tikkonferma s-sentenza appellata, tat-22 ta' Settembru, 2016, fil-kawza fl-ismijiet premessi.

L-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mill-konvenut appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm